



Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14193/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0215(COD)**

**CODEC 1515
EF 355
ECOFIN 1119
SURE 42
CONSOM 268
PE 106**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibigħu, unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-22 sal-25 ta' Novembru 2021)

I. INTRODUZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij ppreżenta emendi ta' kompromess (l-emendi 1 sa 4) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fit-23 ta' Novembru 2021, il-plenarja adottat f'votazzjoni waħda l-emendi ta' kompromess (l-emendi 1 sa 4) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata l-ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2021)0461

Prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs): dokumenti bl-informazzjoni ewlenija. Estensjoni tal-arranġament tranżitorju *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji maniġerjali, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar, jew ibigħu, unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS (COM(2021)0397 – C9-0326/2021 – 2021/0215(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0397),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0326/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021²,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-5 ta' Novembru 2021 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0297/2021),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

² Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 fir-rigward tal-estensjoni tal-arranġament tranżitorju għall-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u mhux UCITS jew li jbigħuhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁴,

³ Opinjoni tal-20 ta' Ottubru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁴ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021.

Billi:

- (1) L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jirrikjedi li l-manifatturi ta' prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs), qabel ma PRIIP ikun disponibbli għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, ifasslu u jipublikaw dokument bl-formazzjoni ewlenija ("KID").
- (2) L-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jeżenta lill-kumpaniji tal-maniġment kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, lill-kumpaniji ta' investiment kif imsemmija fl-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva u lill-persuni li jagħtu pariri dwar unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta' dik id-Direttiva jew li jbigħuhom, mill-obbligi stabbiliti f'dak ir-Regolament, u għaldaqstant mir-rekwiżit li jipproduċu KID, sal-31 ta' Diċembru 2021 ("l-arranġament tranżitorju"). F'konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014, fejn Stat Membru japplika regoli dwar il-format u l-kontenut tad-dokument bl-informazzjoni ewlenija għall-investitur, kif stabbilit fl-Artikoli 78 sa 81 tad-Direttiva 2009/65/KE, għall-fondi mhux UCITS offruti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur, l-arranġament tranżitorju għandu japplika għall-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji ta' investiment u l-persuni li jagħtu pariri dwar unitajiet ta' fondi bħal dawn mhux UCITS lill-investituri fil-livell tal-konsumatur jew li jbigħuhom.

⁵ Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

⁶ Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/653⁷ jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-preżentazzjoni, il-kontenut u l-format standard tal-KID, il-metodoloġija għall-preżentazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji u għall-kalkolu tal-kostijiet, il-kundizzjonijiet u l-frekwenza minima għar-rieżami tal-informazzjoni li tinsab fil-KID, u l-kundizzjonijiet biex il-KID jingħata lill-investituri fil-livell tal-konsumatur.
- (4) Fis-7 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2021/... li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 dwar il-metodoloġija sottostanti u l-preżentazzjoni tax-xenarji tal-prestazzjoni, il-preżentazzjoni tal-kostijiet u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikaturi sommarji tal-kostijiet, il-preżentazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-passat u l-preżentazzjoni tal-kostijiet mill-PRIIPs li joffru firxa ta' opzjonijiet għall-investment u jallinjaw l-arranġament tranżizzjonali għall-manifatturi tal-PRIIP li joffru unitajiet ta' fondi msemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala opzjonijiet ta' investment sottostanti bl-arranġament tranżitorju estiż stabbilit f'dak l-Artikolu. Id-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat hija l-1 ta' Lulju 2022, iżda huwa importanti li ***tirrifletti l-ħtieġa li*** l-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji ta' investment, u l-persuni li jagħtu pariri dwar unitajiet ta' UCITS u mhux UCITS jew li jbigħuhom jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għat-tmiem tal-arranġament tranżitorju u għaldaqstant għall-obbligu li jitfasslu KID. ■

⁷ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/653 tat-8 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji dwar il-preżentazzjoni, il-kontenut, ir-rieżami u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija u l-kundizzjonijiet biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti (ĠU L 100, 12.4.2017, p. 1).

- (5) *Sabiex jiġi żgurat li l-ħtieġa ta' żmien suffiċjenti għat-thejjja għall-obbligu li jiġi prodott KID tiġi ssodisfata, huwa meħtieġ li l-arranġament tranżitorju jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.*
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 jiġi emendat skont dan.
- (7) *Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 għandu l-għan li jippermetti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur biex jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment infurmati aħjar. Minkejja l-intenzjonijiet tajbin li jirfdu r-Regolament (UE) Nru 1286/2014, sa mill-adozzjoni tiegħu ġie espress għadd ta' tħassib,, inkluż rigward il-ħtieġa għal definizzjoni aktar ċara ta' 'investitur fil-livell tal-konsumatur', il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ta' dak ir-Regolament, l-eliminazzjoni tal-karta bħala l-għażla prestabbilita fejn PRIIP jiġi offrut fuq bażi wiċċ imb' wiċċ, il-kunċett ta' 'tranżazzjonijiet suċċessivi', u l-għoti ta' informazzjoni prekuntrattwali lill-investituri professjonali. Dak it-tħassib jeħtieġ li jiġi indirizzat b'mod urġenti sabiex tittejjeb il-fiduċja tal-investituri fil-livell tal-konsumatur fis-swieq finanzjarji, kemm għall-benefiċċju tal-kumpaniji li qed ifittxu finanzjament kif ukoll għall-benefiċċju fit-tul tal-investituri. Il-ħtieġa għal rieżami usa' kienet diġà stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014, u l-karattru urġenti tagħha baqa' l-istess. Abbażi ta' tali rieżami f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1286/2014, il-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta, b'urġenza, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk adatt, minn proposta biex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet eżistenti.*
- (8) Minħabba l-perijodu qasir ħafna li fadal sat-tmiem oriġinali tal-arranġament tranżitorju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014, id-data "il-31 ta' Diċembru 2021" tinbidel u ssir "il-**31 ta' Diċembru** 2022".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
